MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 8/1984/1

Kawza fil-lista: 34

**Nutar Dottor Miriam Spiteri Debono u zewgha Anthony Spiteri Debono bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u u bejn l-imsemmija martu**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Victor Borg Grech fil-kwalita' tieghu ta' Registratur tal-Qrati Superjuri ta' Malta, u b' digriet tal-11 ta' Novembru 1985 gie msejjah fil-kawza Sammy Meilaq bhala Chairman tal-Malta Drydocks Corporation, u li b' nota prezentata fit-12 ta' Gunju 1986 Lino Grech fil-kwalita' tieghu ta' Agent Registratur tal-Qrati Superjuri ta' Malta assuma l-atti flok l-Avukat Dottor Victor Borg Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremettew u talbu hekk:

Premess illi l-konvenut intaxxa baxx hafna u b'mod skorrett id-drittijiet professjonali dovuti lill-attrici n-Nutar Dottor Miriam Spiteri Debono (Dok A) in konnessjoni ma' att li jinkludi l-ghoti ta' facilitajiet bankarji pubblikat mill-attrici fit-22 ta' Lulju, elf disa' mija u tlieta u tmenin (Dok B);

Premess illi, b'referenza ghall-valuri li jirrizultaw mill-fuq imsemmi att pubbliku u mill-iskrizzjonijiet ipotekarji konsegwenzjali hawn annessi u markati Dok C, D, E, F, G, H, I, J, u K, id-drittijiet in kwistjoni kif intaxxati mill-konvenut huma sostanzjalment inferjuri ghal dawk id-drittijiet li kellhom jigu stabbiliti b'applikazzjoni tal-paragrafi numri tletin (30), wiehed u tletin (31) u erba' u erbghin (44) fl-ewwel Taqsima ta' l-Iskeda li tirregola t-Tariffa Dwar il-Professjoni Notarili tal-Kapitlu tnejn u disghin (92) tal-Ligijiet ta' Malta;

Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

1. It-taxxa rilaxxjata mill-konvenut ma ghandhiex tigi impunjata bhala skorretta billi tigi dikjarata bhala intaxxata hazin u

2. Ghaliex ma ghandhomx jigu ritaxxati d-drittijiet lill-attrici korrettament u gustament skond il-paragrafi numri 30, 31, u 44 fl-ewwel Taqsima ta' l-Iskeda li tirregola t-Tariffa Dwar il-Professjoni Notarili tal-Kapitlu 92 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa mharrek sabiex jidher ghas-subizzjoni tieghu.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Registratur li biha eccepixxa:

1. Illi, preliminarjament, il-gudizzju mhux integru billi ma gewx imharrka l-partijiet fil-kuntratt li finalment ghandhom ibatu l-effetti ta' kull eventwali ritassa;

2. Illi t-talba attrici mhix specifika b'mod li jistghu jidhru l-punti ta' kontestazzjoni dwar it-tassazzjoni;

3. Illi t-tassazzjoni saret skond l-istess incizi tat-Tariffa msemmija fic-citazzjoni, kif jidher mill-anness prospett li huwa kopja fotostatika tan-notamenti ta' kif saret it-tassazzjoni (Dok K1).

Ghaldaqstant l-eccipjent jissottometti li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Sammy Mejlaq fil-kwalita' tieghu premessa, li gie kjamat fil-kawza b' digriet tal-11 ta' Novembru 1985, li biha eccepixxa:

1. Illi huwa jirrimetti ruhu ghall-gudizzju superjuri ta' din il-Qorti, salv dejjem il-verifiki tal-prestazzjonijiet attwalment effettwati u inkarigati mill-eccipjent nomine.

2. Illi f'kull kaz l-eccipjent nomine m'ghandu qatt jehel l-ispejjez ta' din il-kawza billi l-konvenut f'kawzi simili huwa r-registratur tal-Qorti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-kjamat fil-kawza li biha eccepixxa:

1. Illi l-atturi ma ghandhomx interess guridiku f'din il-kawza billi kull pretensjoni li jista' jkollhom kontra l-esponent nomine in konnessjoni mal-kuntratt pubblikat fit-22 ta' Lulju 1983 illum jinsabu preskritti ai termini tal-artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-relazzjonijiet tal-periti legali l-Avukati Dottor Albert Ganado[1] u Dottor Joseph Buttigieg[2] minnhom debitament mahlufa;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

---

[1] Fol.76 *et seq.*
[2] Fol.169 *et seq.*

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti. Fit-22 ta’ Lulju 1983 l-attrici ippublikat kuntratt[3] li sar bejn il-Mid-Med Bank Ltd, il-Bank of Valletta u l-Malta Drydocks Corporation, li permezz tieghu dawn il-Banek estendew , sa l-ammont ta’ Lm6,500,000 kull wiehed, l-overdraft facilities li kienet tgawdi l-Malta Drydocks. Fuq l-istess kuntratt deher ukoll rappresentant tal-Gvern ta’ Malta biex jipposponi favur l-imsemmija Banek id-drittijiet ipotekarji li l-Gvern kellu kontra l-Malta Drydocks.

Illi fl-1 ta’ Dicembru 1983, in segwitu ghal nota prezentata mill-attrici fis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, id-drittijiet professjonali ta’ l-attrici gew intaxxati fis-somma ta’ Lm14,299.45,6 u giet rilaxxjata t-taxxa relattiva fil-5 ta’ Dicembru 1983[4].

Illi l-attrici kienet ikkalkolat id-drittijiet taghha fis-somma ta’ Lm21,649; u fis-seduta tad-9 ta’ Gunju 1986 hija xehdet li l-unika kontestazzjoni bejn il-partijiet kienet tirrigwarda l-ewwel parti tad-dokument K1[5] fejn gew intaxxati d-drittijiet professjonali taghha fuq l-ammonti ta’l-overdraft facilities. Di fatti, filwaqt li l-attrici kienet intaxxat id-dritt taghha fuq zieda globali ta’ Lm10,000,000 f’ dawn il-facilitajiet, it-tassazzjoni ufficjali saret fuq zieda globali ta’ Lm6,000,000.

B’ mod aktar specifiku jigi osservat li l-punt ta’ divergenza bejn il-partijiet jirrigwarda t-tassazzjoni tad-drittijiet nutarili rigwardanti l-overdraft facility koncessa lill-Malta Drydocks mill-Bank of Valletta, ghax, filwaqt li l-pretensjoni attrici hija fis-sens li t-tassazzjoni kellha tinhadem fuq l-ammont ta’ Lm5,000,000 in bazi ghal argument li in forza tal-imsemmi kuntratt saret koncessjoni gdida ammontanti ghal din il-figura, ir-Registrat konvenut jsostni li t-taxxa kellha tigi komputata, kif fil-fatt giet komuptata, fuq is-somma ta’ Lm1,000,000 rapprezentanti skond hu l-figura tal-estensjoni tal-overdraft fuq dak gia ezistenti.

---

[3] Dok.B – fol.5 *et seq.*
[4] Doks.KI [fol.27] u A[fol.14]
[5] Fol.27

F’ aktar dettal jigi osservat li, kif jirrizulta wkoll mill-kuntratt in disamina, il-Malta Drydocks kienet tgawdi facilita’, koncessa mill-Bank of Valletta, ta’ Lm4,000,000, in parte self u in parte overdraft facility, muniti b’ zewg ipoteki li jgibu n-numri I8467/1975 u I8704/1982. In segwitu kienet inghatat mill-istess Bank overdraft facility ohra fl-ammont ta’ Lm750,000 li sussegwentement giet estiza ghal Lm1,500,000, munit b’ ipoteki rispettivi.

Illi meta saret it-transazzjoni li tirrizulta mill-kuntratt precitat, u sabiex din setghet is-sehh, kien intlahaq ftehim fis-sens li z-zewg ipoteki I8467/1975 u I8704/1982 jigu kkancellati sabiex iz-zewg banek fil-kreditu taghhom jirrankjaw pari passu. Dan jispjega l-kancellament ta’ dawn iz-zewg ipoteki kondizzjonat bil-fatt li l-ammont minnhom garantit ta’ Lm4,000,000 kellu jifforma parti mill-“credit to be accorded by the Bank of Valletta to the Corporation..”[6]

Di fatti hekk sar, u fit-tielet parti tal-kuntratt gie specifikat li kienet qeda tinghata facilita’ overdraft gdida sa’ l-ammont ta’ Lm6,500,00 inklusiv ta’ l-facilitajiet precedenti. Fl-istess kuntratt il-partijiet komplew jiddikjaraw hekk: “It is agreed that the indication of five million Malta lira [Lm5,00,00] as an additional limit and the indication of six million and hive hundred thousand Malta Lira [Lm6,500,00] as a global limit ….”[7]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-partijiet jaqblu li d-drittijiet professjonali ta’ l-attrici kellhom jigu komputati, mhux fuq l-ammont globali ta’ Lm6.5 miljun, izda biss fuq iz-zieda fil-facilitajiet. Ma jaqblux pero’ fuq l-ammont ta’ tali zieda in kwantu tirrigwarda l-Bank of Valletta; ghax, filwaqt li l-attrici ssostni li t-thassir taz-zewg ipoteki fuq indikati wassal sabiex il-Bank jaghti facilita’ gdida gialadarba thassret il-facilita’ l-antika, il-konvenut isostni minn naha tieghu li z-zieda effettiva kienet ta’ Lm1 miljun u mhux ta’ Lm5 miljuni.

[6] Fol.9 – sottolinear ta’ din il-Qorti
[7] Fol.10 – sottolinear tal-Qorti

Illi din il-Qorti, wara ezami akkurat tal-provi u b' mod partikolari tal-lokuzzjoni tal-kuntratt in disamina, hija tal-fehma li ghandha tikkondividi l-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali Dottor Joseph Buttiegieg, li hi fis-sens li z-zieda fil-facilita' kienet tikkonsisti f' Lm5 miljun li jikkomprendi Lm4 miljun lira rapprezentanti l-ammont ta' facilita' antika.

Illi mid-dicitura tal-kuntratt tirrizulta cara l-intenzjoni u l-volonta' tal-partijiet li l-hsieb taghhom kien li jikkancellaw l-facilita' antika ta' Lm4 miljuni bil-kancellament tal-ipoteki relattivi fuq indikati, u jissostitwuha f' facilita' gdida ta' Lm6.5 miljuni munita b' ipoteka u li tinkludi il-kreditu ta' Lm4 miljuni li ghandhu jifforma parti minn dan il-kreditu gdid. In l-intenzjoni tal-partijiet tirrizulta aktar manifesta mid-dicitura tal-paragrafu sussegwenti fejn il-partijiet jiddikjara li l-ammont addizzjonali kien ta' Lm5 miljun,[8] kif qed isssotni l-attrici, u mhux ta' Lm1 miljun kif sostnut mill-konvenut.

Ghaldaqstant il-pretensjoni taghha li l-komputazzjoni tad-drittijiet taghha rigward il-koncessjoni moghtija mill-Bank of Valletta kellha tkun bazata fuq l-ammont ta' Lm5 miljuni u mhux fuq l-ammont ta' Lm1 miljun hija gusta. Ghalhekk l-ammont ta' miljun lira indikat fil-paragrafu [i][b] tad-dokument K1 [fol.27-28] that l-intestatura "Self [Addizzjonali] Bank of Valleta" ghandu jigi aggustat f' dan is-sens, u tinhareg taxxa gdida fit-termini tal-prospett kontenut fil-pagni 21 u 22 tal-rapport tal-perit legali a fols.189 u 190 tal-process.

Illi in vista tal-premess it-tielet eccezzjoni tal-konvenut Registratur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Rigward l-ewwel eccezzjoni tal-istess konvenut, il-Qorti tosserva li dina giet sorvolata bid-debita kjamata in kawza u ghalhekk mhux il-kaz li tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. Rigward it-tieni eccezzjoni, jigi osservat li mill-att tac-citazzjoni u mid-dikjarazzjoni annessa, jirrizulta specifat li l-kontestazzjoni attrici kienet tirreferi ghall-komputazzjoni

[8] Supra

b’ referenza “ghall-valuri li jirriuzltaw mill-att pubbliku..”[9] Fil-fehma tal-Qorti l-vot tal-artikolu 158[3][b] tal-Kap.12 jinsab sodisfatt, u la l-konvenut u lanqas il-kjamat fil-kawza ma sofrew ebda pregudizzju f’ dan ir-rigward.

Illi rigward l-eccezzjoni tal-kjamat in kawza, bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 2149][c] tal-Kap.55 il-Qorti taghmel referenza piena ghar-rapport tal-perit legali Dottor Albert Ganado u, filwaqt li tiddikjara li tikkondividi l-kostatazzjonijiet u konkluzzjoni minnu hemm raggjunti, taddotta fl-intier tieghu dan ir-rapport bhala formanti parti integrali mill-gudizzju odjern. Kif indikat mill-istess perit legali, il-preskrizzjoni citata mill-konvenut giet rinunzjata u interrotta, u ghalhekk din l-eccezzjoni ma treggix.

Illi in kwantu ghal kap ta’ l-ispejjez il-Qorti tosserva li, salv ghall-ispejjez relattivi ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni inkluzi allura l-ispejjez tar-rapport legali a fol.76 et seq. tal-process, il-kjamat fil-kawza m’ghandhiex tbati spejjez ohra. Il-kumplament tal-ispejjez ghandhom jkunu a kariku tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawza, tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti, u taddotta fl-intier taghhom ir-relazzjonijiet taz-zewg periti legali u, filwaqt li tiddikjara li t-taxxa mahruga mill-konvenut a fol.14 tal-process hija skorretta, tordna r-ritassa tad-drittijiet tal-attrici skond il-ligi a bazi tal-kriterji fuq indikati u senjatament tal-prospett kontenut fil-pagni 21 u 22 tal-rapport tal-perit legali a fols.189 u 190 tal-process.

L-ispejjez jkun a kariku tal-konvenut Registratur tal-Qrati, salv dawk relattivi ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li ghandhom ikunu a kariku tal-kjamat fil-kawza kif fuq spjegat.

**< Sentenza Finali >**

[9] Fol.3

---------------------------------TMIEM---------------------------------